Nru. 17,533
Prezz Lm1.28c
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 27 ta' Jannar, 2004
Tuesday, 27th January, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 68

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 22 imsejjaħ l-Att ta' l-2004 li jemenda l-Att dwar ir-Rifuġjati.

Is-27 ta' Jannar, 2004

Nru. 69

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,531 u 17,532 ta' l-20 u t-23 ta' Jannar, 2004, rispettivament.

A.L. Nru. 22 ta' l-2004: Att ta' l-2003 dwar il-Mediċini (Att Nru. III ta' l-2003); Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Farmakoviġilanza.

A.L. Nru. 23 ta' l-2004: Att ta' l-2002 dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Att Nru. XIV ta' l-2002); Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Kwalità ta' Ilma maħsub għall-Konsum mill-Bniedem.

A.L. Nru. 24 ta' l-2004: Att dwar il-Korporazzjoni Maltija għall-Intrapriża (Kap. 463); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 25 ta' l-2004: Att dwar is-Sigurtà fl-Ajruport u fl-Avjazzjoni Ċivili (Kap. 405); Regolamenti ta' l-2004 dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni Ċivili.

GOVERNMENT NOTICES

No. 68

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 22 entitled the Refugees (Amendment) Act, 2004.

27th January, 2004

No. 69

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,531 and 17,532 of the 20th and 23rd January, 2004, respectively.

L.N. No. 22 of 2004: Medicines Act, 2003 (Act No. III of 2003); Pharmacovigilance Regulations, 2004.

L.N. No. 23 of 2004: Food Safety Act (Act No. XIV of 2002); Quality of Water Intended for Human Consumption Regulations, 2004.

L.N. No. 24 of 2004: Malta Enterprise Corporation (Cap. 463); Commencement Notice.

L.N. No. 25 of 2004: Airports and Civil Aviation (Security) Act (Cap. 405); Civil Aviation Security Regulations, 2004.

A.L. Nru. 26 ta' l-2004: Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352); Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Portijiet.

A.L. Nru. 27 ta' l-2004: *Product Safety Act (Act No. V of 2001); Medical Devices (Amendment) Regulations, 2004*.

A.L. Nru. 28 ta' l-2004: *Product Safety Act (Act No. V of 2001); Appliances Burning Gaseous Fuels Regulations, 2004*.

A.L. Nru. 29 ta' l-2004: *Product Safety Act (Act No. V of 2001); Construction Products (Amendment) Regulations, 2004*.

A.L. Nru. 30 ta' l-2004: *Product Safety Act (Act No. V of 2001); In Vitro Diagnostic Medical Devices (Amendment) Regulations, 2004*.

Is-27 ta' Jannar, 2004

L.N. No. 26 of 2004: Malta Maritime Authority Act (Cap. 352); Ports (Amendment) Regulations, 2004.

L.N. No. 27 of 2004: Product Safety Act (Act No. V of 2001); Medical Devices (Amendment) Regulations, 2004.

L.N. No. 28 of 2004: Product Safety Act (Act No. V of 2001); Appliances Burning Gaseous Fuels Regulations, 2004.

L.N. No. 29 of 2004: Product Safety Act (Act No. V of 2001); Construction Products (Amendment) Regulations, 2004.

L.N. No. 30 of 2004: Product Safety Act (Act No. V of 2001); In Vitro Diagnostic Medical Devices (Amendment) Regulations, 2004.

27th January, 2004

Nru. 70

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta rritorna Malta fil-25 ta' Jannar, 2004, u reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President.

Dott. George Hyzler ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President mal-wasla lura f'Malta tal-President.

Is-27 ta' Jannar, 2004

No. 70

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta returned to Malta on the 25th January, 2004, and has resumed the functions of the Office of The President.

Dr George Hyzler has ceased to perform the functions of President from the time of the President's arrival in Malta.

27th January, 2004

Nru. 71

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 91 (1) u bl-artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra ta' Dott. Silvio Camilleri, Deputat Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mill-20 sal-25 ta' Jannar 2004, iż-żewġ dati inklużi.

Is-27 ta' Jannar, 2004

No. 71

APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL

IN exercise of the powers conferred by section 91 (1) and by section 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment of Dr Silvio Camilleri, Deputy Attorney General, to act as Attorney General from the 20th to the 25th January 2004, both days inclusive.

27th January, 2004

Nru. 72

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap. 356)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) (b) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, il-Prim Ministru ħatar lil Dott. Sandra Sladden, LL.D., u lis-Sur Peter Zammit, B.E.&A. (Hons.), A.&C.E. biex ikunu membri indipendenti ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'seħħ mill-14 ta' Diċembru, 2003 u l-5 ta' Jannar, 2004 rispettivament.

It-13 ta' Jannar, 2004

No. 72

THE MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Development Planning Act (Cap. 356)

IN virtue of the powers conferred by subsection (2) (b) of section 3 of the Development Planning Act, the Prime Minister has appointed Dr Sandra Sladden, LL.D., and Mr Peter Zammit, B.E.&A. (Hons.), A.&C.E. as independent members of the Malta Environment and Planning Authority with effect from 14th December, 2003 and 5th January, 2004 respectively.

13th January, 2004

Nru. 73

ATT DWAR IL-PROFESSJONI TA' L-*ACCOUNTANCY* (KAP. 281)

Bord ta' l-*Accountancy*

SKOND l-artikolu 6 ta' l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy* (Kap. 281), il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi nnomina l-persuni li ġejjin fuq il-Bord ta' l-*Accountancy* għas-sena 2004.

Chairman

Is-Sur Joseph Zammit Tabona, F.C.A., F.I.A., C.P.A.A., A.M.I.T., K.M.

Membri

Il-Prof. Daniel Darmanin, M.Sc., M.I.A., F.S.C.A., M.B.I.M., C Ed (Lond), C.P.A.

Is-Sinjura Helen Meli Attard, C.P.A.A., B.A. (Hons.) Accty., C.S.A., M.I.A., C.L.J., M.I.M.

Is-Sur Bernard Scicluna, F.C.C.A., F.I.A., A.M.I.T., C.P.A.A.

Is-Sur Mario P. Galea, F.C.C.A., C.P.A.A., F.I.A.

Is-Sur John B. Zarb, F.C.C.A., C.P.A.A., F.I.A.

Is-Sur Anthony Zarb, F.C.C.A., F.I.A., C.P.A.A., M.B.A. (Warwick)

Segretarju

Is-Sur Richard Cachia Zammit, B.A. (Hons.) Accty., C.P.A.

Is-27 ta' Jannar, 2004

No. 73

ACCOUNTANCY PROFESSION ACT (CAP. 281)

Accountancy Board

IN terms of section 6 of the Accountancy Profession Act, (Cap. 281), the Minister of Finance and Economic Affairs has appointed the following persons on the Accountancy Board for the year 2004.

Chairman

Mr Joseph Zammit Tabona, F.C.A., F.I.A., C.P.A.A., A.M.I.T., K.M.

Members

Prof. Daniel Darmanin, M.Sc., M.I.A., F.S.C.A., M.B.I.M., C Ed (Lond), C.P.A.

Mrs Helen Meli Attard, C.P.A.A., B.A. (Hons.) Accty., C.S.A., M.I.A., C.L.J., M.I.M.

Mr Bernard Scicluna, F.C.C.A., F.I.A., A.M.I.T., C.P.A.A.

Mr Mario P. Galea, F.C.C.A., C.P.A.A., F.I.A.

Mr John B. Zarb, F.C.C.A., C.P.A.A., F.I.A.

Mr Anthony Zarb, F.C.C.A., F.I.A., C.P.A.A., M.B.A. (Warwick)

Secretary

Mr Richard Cachia Zammit, B.A. (Hons.) Accty., C.P.A.

27th January, 2004

Nru. 74

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 74

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 131	Noel Zammit	Noel's Garage Unit 113B, Qasam Industrijali Luqa	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.2	20.01.04
CD/3209/2003 Pt 194	Henry Farrugia	Airways Auto Dealer Airways Buildings, Triq il-Mitħna ta' Caraffa, Luqa	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.1	21.01.04
CD/3209/2003 Pt 499	Xavier Fenech	'Tabalugas World' Triq Mons. P. Pace Victoria Għawdex	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.8 52.48.9	22.01.04
CD/3209/2003 Pt 500	Brian Camilleri	'Echobitz' Triq Fortunato Mizzi Victoria Għawdex	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.45	22.01.04
CD/3209/2003 Pt 506	Jeffrey Zerafa	'Delle Alpi' 36/37, Triq Qrejten c/w Triq J. Borg Msida	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.24	22.01.04

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 511	Jason Mifsud	'Jamar' 104, Triq Prince Albert Marsa Albertown	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.2	22.01.04
CD/3209/2003 Pt 514	Carmen Frendo	Frendo Fashiom Wear *for him and for her* New Street off Triq Ġorġ Borg Olivier Victoria Għawdex	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42	22.01.04
CD/3209/2003 Pt 522	Yvonne Borg	M/C Solutions Triq il-Mistrieħ San Pawl il-Baħar	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.1	22.01.04
CD/3209/2003 Pt 558	Antoine Zammit	Antoine's DVD Rentals Triq Mattew (Ġużeppe) Callus Mosta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.13	22.01.04
CD/3209/2004 Pt 14	Antonio Gauci	Firm Paul Gauci 30, Triq Salvu Psaila Birkirkara	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.41 52.42 52.44	22.01.04
CD/3209/2004 Pt 24	Stephen Falzon	Digital Arena Computer Centre Vjal il-Blue Grotto Żurrieq	Kategorija V - Servizzi professjonali u kummerċjali *Category V - Professional and business services*	74.87	22.01.04
CD/3209/2004 Pt 26	Judith Ferriggi	'Chrystal Look' Shop No. 2, Triq il-Korp tal-Pijunieri Buġibba San Pawl il-Baħar	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.33 52.48.13	22.01.04

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

Is-27 ta' Jannar, 2004

27th January, 2004

Nru. 75

MINISTERU TAS-SAĦĦA

BIS-SAĦĦA ta' l-Artikolu 27(1)(a) ta' l-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika qed jiddikjara illi dan huwa il-mard li għandu jiġi avżat:-

Acquired Immune Deficiency Syndrome
Acute encephalitis
Acute flaccid paralysis
Anthrax
Antimicrobial Resistance
Bacterial meningitis, other than meningococcal
Botulism
Brucellosis
Campylobacteriosis
Chlamydia infections
Cholera
Congenital rubella syndrome
Cryptosporidiosis
Dengue
Diphtheria
Dysentery (amoebic and bacillary)
Echinococcosis
Erysipelas
Foodborne illness-Unspecified
Giardiasis
Gonococcal Infectious
Granular conjunctivitis or trachoma
Hepatitis A
Hepatitis B
Hepatitis C
HIV-Infection
Infection with Enterohaemorrhagic E.Coli
Infections with Haemophilus influenza group B
Influenza
Legionellosis
Leishmaniasis
Leprosy
Leptospirosis
Listeriosis

Is-27 ta' Jannar, 2004

No. 75

MINISTRY OF HEALTH

IN terms of Article 27(a)(i) of the Public Health Act the Superintendent of Public Health has declared the following notifiable diseases:-

Louse borne relapsing fever
Malaria
Measles
Meningococcal disease
Mumps
Nosocomial Infections
Pertussis
Plague
Pneumococcal infections
Pneumonia
Poliomyelitis
Puerperal fever
Q-fever
Rabies
Rubella
Salmonellosis
Scarlet fever
Shigellosis
Smallpox
Sudden acute respiratory syndrome
Syphillis
Tetanus
Toxoplasmosis
Transmissible spongiform encephalopathies, variant Creutzfeldt-Jakob's disease
Trichinosis
Tuberculosis
Tularaemia
Typhoid fever
Typhus fever
Varicella
Viral haemorrhagic fevers
Yellow fever
Yersinosis

27th January, 2004

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Numru Ħamsa

Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Privati li Huma Okkupati minn Inkwilini jew Ċenswalisti

B'riferenza għall-iSkema Numru Ħamsa - Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Privati li Huma Okkupati minn Inkwilini jew Ċenswalisti - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar qed tagħmel din l-emenda:-

(1) temenda l-Iskeda ta' Sub-Klawsola (i) ta' Klawsola 19 biex taqra kif ġej:-

HOUSING AUTHORITY

Scheme Number 5

Subsidy on Adaptation Works in Private Dwellings Held on Lease or Emphyteusis

With reference to Scheme Number Five - Subsidy on Adaptation Works in Private Dwellings Held on Lease or Emphyteusis - published in the Government Gazette of the 8th October 1999, the Housing Authority is effecting the following amendment:-

(1) amend the schedule of Sub-Clause (i) of Clause 19 to read as follows:-

Kategorija *Category*	Dħul Annwu Totali Għas-Sena Bażi Kalendarja Lm *Aggregate Annual Income for a Basic Calendar Year Lm*	Perċentaġġ ta' Għajnuna Pagabbli lill-Applikant *Percentage of Subsidy Payable to Applicant*		
		Familja ta' *Family of*		
		Sa 2 Membri *Up to 2 Members*	3-4 Membri *3 to 4 Members*	5 u aktar Membri *5 and over Members*
A	0 - 3,086	100	100	100
B	3,087 - 3,586	80	90	100
Ċ	3,587 - 4,086	60	80	90
D	4,087 - 4,586	50	70	85
E	4,587 - 5,286	40	50	80

Is-27 ta' Jannar, 2004

27th January, 2004

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema W

Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Proprjetà tal-Gvern

B'riferenza għall-iSkema W - Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Proprjetà tal-Gvern - ippubblikata fil-Gazzetta

HOUSING AUTHORITY

Scheme W

Subsidy of Adaptation Works in Government Owned Dwellings

With reference to Scheme W - Subsidy of Adaptation Works in Government Owned Dwellings - published in the

tal-Gvern tal-11 ta' Ġunju 1999, l-Awtorità tad-Djar qed tagħmel din l-emenda:-

(1) temenda l-Iskedi ta' Sub-Klawsola (a) ta' Klawsola 11 biex taqra kif ġej:-

Government Gazette of the 11th June 1999, the Housing Authority wishes is effecting the following amendment:-

(1) amend the schedules of Sub-Clause (a) of Clause 11 to read as follows:-

Kategorija *Category*	Dħul Annwu Totali Għas-Sena Bażi Kalendarja Lm *Aggregate Annual Income for a Basic Calendar Year Lm*	Perċentaġġ ta' Għajnuna Pagabbli lill-Applikant *Percentage of Subsidy Payable to Applicant*		
		Familja ta' *Family of*		
		Sa 2 Membri *Up to 2 Members*	3-4 Membri *3 to 4 Members*	5 u aktar Membri *5 and over Members*
A	0 - 3,086	100	100	100
B	3,087 - 3,586	80	90	100
Ċ	3,587 - 4,086	60	80	90
D	4,087 - 4,586	50	70	85
E	4,587 - 5,286	40	50	80

Is-27 ta' Jannar, 2004

27th January, 2004

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Z

Skema għal Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar u Titjib f'Residenzi Privati Okkupati minn Sidien 1999

B'riferenza għall-iSkema Z - Skema għal Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar u Titjib f'Residenzi Privati Okkupati minn Sidien 1999 - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar qed tagħmel din l-emenda:-

HOUSING AUTHORITY

Scheme Z

Subsidy on Adaptation Works in Owner Occupied Private Dwellings

With reference to Scheme Z - Subsidy on Adaptation Works in Owner Occupied Private Dwellings - published in the Government Gazette of the 8th October 1999, the Housing Authority is effecting the following amendment:-

(1) temenda l-Iskeda ta' Sub-Klawsola (i) ta' Klawsola 13 biex taqra kif ġej:-

(1) amend the schedules of Sub-Clause (i) of Clause 13 to read as follows:-

Kategorija *Category*	Dħul Annwu Totali Għas-Sena Bażi Kalendarja Lm *Aggregate Annual Income for a Basic Calendar Year Lm*	Perċentaġġ ta' Għajnuna Pagabbli lill-Applikant *Percentage of Subsidy Payable to Applicant*		
		Familja ta' *Family of*		
		Sa 2 Membri *Up to 2 Members*	3-4 Membri *3 to 4 Members*	5 u aktar Membri *5 and over Members*
A	0 - 3,086	100	100	100
B	3,087 - 3,586	80	90	100
Ċ	3,587 - 4,086	60	80	90
D	4,087 - 4,586	50	70	85
E	4,587 - 5,286	40	50	80

Is-27 ta' Jannar, 2004

27th January, 2004

THE QUALITY ASSURANCE INITIATIVE ADJUDICATING COMMITTEE

Merit Award Scheme - 2004

Il-*Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee (Audit Committee)* fi ħdan id-Diviżjoni tas-Saħħa jilqa' applikazzjonijiet għal proposti għas-Sena 2004 minghand uffiċjali mediċi eliġibbli mill-kategoriji ta' *Chairman*/Direttur Kliniku, Konsulent, *Senior Registrar,* u Uffiċjal Mediku Prinċipali, impjegati fis-Setturi tas-Saħħa, inklużi dawk impjegati mill-Ministeru ta' Għawdex u d-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi Komunitarji.

L-applikazzjonijiet għandhom isiru fuq formoli apposta u għandhom jaslu fl-Uffiċċju tal-QAIAC fil-Ministeru tas-Saħħa, Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 03, sa mhux aktar tard mis-27 ta' Frar, 2004. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

THE QUALITY ASSURANCE INITIATIVE ADJUDICATING COMMITTEE

Merit Award Scheme - 2004

The Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee (Audit Committee) within the Health Division invites applications for proposals for 2004 from eligible medical officers from the categories of Clinical Chairman/Director, Consultant, Senior Registrar, and Principal Medical Officer employed in the Health Sectors, including those employed by the Ministry for Gozo and the Department for the Elderly and Community Services.

Applications on the designated forms should reach the Office of the QAIAC at the Ministry of Health, Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 03, by not later than 27th February, 2004. Late applications will not be considered.

Uffiċjali eliġibbli jistgħu jiksbu kopja tal-formola ta' l-applikazzjoni u kundizzjonijiet mill-*website* tad-Diviżjoni tas-Saħħa http://www.health.gov.mt/forms/medicaldoctors/audit.pdf jew permezz taċ-Ċirkulari Nru. DH/18/2004. Għal iżjed tagħrif jistgħu jikkuntattjaw lis-Segretarju Eżekuttiv fl-Uffiċċju tal-QAIAC fuq in-numru tat-telefon 22992231.

Is-27 ta' Jannar, 2004

Eligible officers may obtain a copy of the application form and the relative conditions from the Health Division website: http://www.health.gov.mt/forms/medical_doctors/audit.pdf or by means of DH Circular No. 18/2004. For further information contract the Executive Secretary at the QAIAC Office on telephone number 22992231.

27th January, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali, fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

2.1. Il-post ta' Uffiċjal Legali *Junior* għandu salarju ta' Lm5,750 fis-sena, li jiżdied b'Lm192 kull sena sa massimu ta' Lm6,902.

2.2. Persuna fil-ħatra ta' Uffiċjal Legali *Junior* tinħatar Uffiċjal Legali fi skala 8 (Lm6,120 x 209 - Lm7,374) wara li jtemmew sentejn (2) servizz fil-grad.

2.3. Persuna magħżula li jkollha mill-inqas tliet (3) snin ta' prattika legali pprovati wara li tkun kisbet l-*warrant* ta' Avukat, tinħatar Uffiċjal Legali fuq skala tas-salarju 8 (Lm6,120 x 209 - Lm7,374).

2.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetti għall-kondizzjonijiet l-oħra stabbiliti bejn il-Gvern u l-*Unions* kompetenti.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, u fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin b'mod partikolari, u l-persuni nominati jistgħu jiġu trasferiti skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuni nominati ma jitħallewx jipprattikaw il-professjoni tagħhom privatament.

4. Persuna maħtura bħal Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali tkun normalment responsabbli lejn is-Segretarju Permanenti u lejn uffiċjali oħla minnha fil-Ministeru. Hija tkun meħtieġa li taqdi dmirijiet relatati ma' materji legali u ta' *policy* kif ukoll tipparteċipa f'xogħol ta' riċerka, tagħmel analiżi, tiġbor informazzjoni, u tagħmel rapporti u dokumenti oħrajn skond il-bżonn, speċjalment f'materji legali u ta' *policy* li jirrigwardaw l-Unjoni Ewropea.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Junior Legal Officer/Legal Officer in the Ministry of Foreign Affairs

The Public Service Commission invites applications for the posts of Junior Legal Officer/Legal Officer in the Ministry of Foreign Affairs.

2.1. The salary for the post of Junior Legal Officer is Lm5,750 per annum rising by annual increments of Lm192 up to a maximum of Lm6,902.

2.2. A Junior Legal Officer will, subject to satisfactory performance, be upgraded to Legal Officer on salary scale 8 (Lm6,120 x 209 - Lm7,374) on completion of two (2) years service in the grade.

2.3. A selected applicant who has at least three (3) years of proven legal practice after obtaining the warrant to practice as Advocate, will be appointed as Legal Officer in salary scale 8 (Lm6,120 x 209 - Lm7,374).

2.4. Applicants appointed to the post will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Unions.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Ministry of Foreign Affairs is particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. Applicants appointed to the post will not be allowed to perform the private practice of their profession.

4. A Junior Legal Officer/Legal Officer will normally be required to report to the Permanent Secretary and other senior staff within the Ministry. The person will be engaged on duties related to legal and policy matters but will also be required to participate in research work, perform analysis, compile data and draw up reports and other documents as necessary, particularly in relation to European Union legal and policy matters.

5. L-applikanti għandhom:

i) ikunu ċittadini ta' Malta;

ii) (a) ikollhom il-*warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Avukat f'Malta;

jew

(b) ikunu persuni li għandhom il-kwalifiki akkademiċi biex jieħdu dan il-*warrant*.

iii) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* dawk li japplikaw minn barra s-Servizz għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu d-dettalji).

5.2. L-applikanti li jaqgħu taħt paragrafu 5.1 (ii)(b) jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti taħt paragrafu 5.1 (ii)(a). Barra minn hekk, dawn il-persuni jingħataw il-ħatra biss meta jiksbu l-*warrant* biex jipprattikaw bħala Avukat.

6. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (Fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7. Bord ta' l-Għażla jintervista lill-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal dawn il-postijiet.

8. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

9.1. Il-persuni magħżula jistgħu wkoll ikunu meħtieġa li jattendu għall-korsijiet ta' taħriġ kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

9.2. Il-persuni li jintbagħtu biex jagħmlu korsijiet ta' taħriġ barra minn Malta jkunu marbuta bil-kundizzjonijiet relevanti mniżżla fil-*Public Service Management Code*.

10. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiċi u l-esperjenza li l-persuna jkollha, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Frar, 2004.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

5. Applicants must be:

i. citizens of Malta;

ii. (a) in possession of the warrant to practice the profession of Advocate in Malta;

or

(b) persons having the academic qualifications to obtain such warrant;

iii) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2. Applicants under paragraph 5.1 (ii)(b) will only be considered if there are not enough suitable applicants under paragraph 5.1 (ii)(a). Such applicants, moreover, will only be appointed when they obtain the warrant to practice as Advocates.

6. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials. (Photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

7. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

8. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

9.1. The selected applicants may also be required to undergo training courses in Malta or abroad.

9.2. When following courses abroad, he/she will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

10. Applications, together with a C.V. including qualification and experience will be received in the first instance by the Director Corporate Services, Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta by not later than noon of Friday, 20th February 2004.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali iffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin huwa +356 2123 7020).

13. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għal kull applikazzjoni li titwassal sa' l-Uffiċċju tiegħu.

(b) Applikazzjonijet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi sad-data ta' l-għeluq. Tintbagħat riċevuta mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi fil- Ministeru ta' l-Affarijiet Barraninfi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-27 ta' Jannar, 2004

http://www.doi.gov.mt/EN/employment-opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director Coprorate Services, Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director Corporate Services, Ministry of Foreign Affairs by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Ministry is +356 - 2123 7020)

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services in the Ministry of Foreign Affairs and a receipt given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services in the Ministry of Foreign Affairs within seven (7) days.

27th January, 2004

UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA

Post ta' Awditur Prinċipali

L-Awditur Ġenerali jilqa' applikazzjonijiet biex jimtlew postijiet f'żewġ vakanzi ta' Awditur Prinċipali ma' l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

2. Kandidati li jixtiequ japplikaw għall-post irid ikollhom *degree* f'waħda minn dawn id-dixxiplini: Amministrazzjoni Pubblika, *Business Studies*, Ekonomija, Inġinerija, Statistika, *Accountancy* jew *degree* ekwivalenti. Tliet snin esperjenza f'waħda minn dawn id-dixxiplini hija meħtieġa. Esperjenza fl-użu tal-kompjuters hija essenzjali.

3. Is-salarju għal dan il-grad huwa ta' Lm7,489 b'żidiet ta' Lm196 fis-sena għal Lm8,077. Jista' jingħata wkoll *performance bonus* fl-aħħar tas-sena.

4. L-impjieg, li huwa bi prova għal sitt xhur, huwa fuq bażi *full-time* u huwa għal żmien definit li jista' jiġi mġedded kull tliet snin suġġett għal servizz sodisfaċenti.

NATIONAL AUDIT OFFICE

Post of Principal Auditor

The Auditor General invites applications for the filling of two vacancies in the Principal Auditor Grade with the National Audit Office.

2. Candidates wishing to apply for the post should possess a degree in any of the following disciplines: Public Administration, Business Studies, Economics, Engineering, Statistics, Accountancy or equivalent. Three years experience in any of these disciplines in a supervisory capacity is also required. Computer literacy is a must.

3. The post carries an annual salary of Lm7,489 rising by annual increments of Lm196 to Lm8,077. A performance bonus may be awarded at the end of the year.

4. The employment, which is subject to a probationary period of six months, is on a full-time basis and is for a definite period which may be renewed every three years subject to satisfactory performance.

5. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

6. Il-kandidati għandhom jibagħtu lill-*Manager,* Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, il-Furjana CMR 02, ittra ta' applikazzjoni miktuba minnhom u kopja tal-*curriculum vitae*. Irid jintbagħat ukoll ċertifikat tal-kondotta maħruġ riċentiment mill-Pulizija.

7. Applikazzjonijiet għandhom jaslu fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika sa nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Jannar, 2004. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

8. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand il-*Manager,* Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, Notre Dame Ravelin, il-Furjana CMR 02.

Is-27 ta' Jannar, 2004

5. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

6. Candidates should submit to the Manager, Finance and Administration, National Audit Office, Notre Dame Ravelin, Floriana CMR 02, a letter of application in their own handwriting and a copy of their curriculum vitae. A Police Conduct Certificate recently issued is also to be submitted.

7. Applications are to reach the National Audit Office by Friday, 30th January, 2004. Late applications will not be considered.

8. Further information may be obtained from the Manager, Finance and Administration, National Audit Office, Notre Dame Ravelin, Floriana CMR 02.

27th January, 2004

UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA

Post ta' Awditur Anzjan

L-Awditur Ġenerali jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Awditur Anzjan ma' l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

2. L-applikanti għandu jkollhom *degree* mill-Università f'waħda minn dawn id-dixxiplini: fl-Amministrazzjoni Pubblika, *Business Studies*, Ekonomija, Inġinerija, Statistika jew *Accountancy*. Tingħata preferenza lil dawk il-persuni li jkollhom tliet snin esperjenza f'waħda minn dawn id-dixxiplini. Esperjenza fil-kompjuters hija essenzjali.

3. Is-salarju għal dan il-grad huwa ta' Lm6,667 b'żidiet ta' Lm167 fis-sena għal Lm7,168. Jista' jingħata wkoll *performance bonus* fl-aħħar tas-sena.

4. L-impjieg, li huwa bi prova għal sitt xhur, huwa fuq bażi *full-time* u huwa għal żmien definit ta' tliet snin li jista' jiġi mġedded suġġett għal servizz sodisfaċenti.

5. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

6. Il-kandidati għandhom jibagħtu lill-*Manager,* Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, il-Furjana CMR 02 ittra ta' applikazzjoni miktuba minnhom u

NATIONAL AUDIT OFFICE

Post of Senior Auditor

The Auditor General invites applications for the post of Senior Auditor with the National Audit Office.

2. Applicants should possess a University degree in any of the following disciplines: Public Administration, Business Studies, Economics, Engineering, Statistics, Accountancy or equivalent. Preference will be given to applicants in possession of three years experience in any of these disciplines. Computer literacy is a must.

3. The post carries an annual salary of Lm6,667 rising by annual increments of Lm167 to Lm7,168. A performance bonus may be awarded at the end of the year.

4. The employment, which is subject to a probationary period of six months, is on a full-time basis and is for a definite three year period which may be renewed subject to satisfactory performance.

5. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

6. Candidates should submit to the Manager, Finance and Administration, National Audit Office, Notre Dame Ravelin, Floriana CMR 02 a letter of application in their own

kopja tal-*curriculum vitae*. Irid jintbagħat ukoll ċertifikat tal-kondotta maħruġ reċentiment mill-Pulizija.

7. Applikazzjonijiet għandhom jaslu fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika sa nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Jannar, 2004. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

8. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand il-*Manager,* Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, Notre Dame Ravelin, il-Furjana CMR 02.

Is-27 ta' Jannar, 2004

handwriting and a copy of their curriculum vitae. A Police Conduct Certificate recently issued is also to be submitted.

7. Applications are to reach the National Audit Office by Friday, 30th January, 2004. Late applications will not be considered.

8. Further information may be obtained from the Manager, Finance and Administration, National Audit Office, Notre Dame Ravelin, Floriana CMR 02.

27th January, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Technician* (Laboratorju) fit-Taqsima tas-Servizzi Agrikoli u Żvilupp Rurali

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Technician* (Laboratorju) fit-Taqsima tas-Servizzi Agrikoli u Żvilupp Rurali.

2.1. Il-post ta' *Technician* (Laboratorju) għandu salarju ta' Lm3,978 fis-sena li jiżdied b'Lm128 kull sena sa massimu ta' Lm4,746.

2.2. Persuna fil-ħatra ta' *Technician* (Laboratorju) tilħaq *Senior Technician* (Laboraturju) fi Skala 14 (Salarju Lm4,234 x 136 - Lm5,050), jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, wara seba' (7) snin servizz fil-grad; u jekk persuna jkollha l-*Higher Technician Diploma* jew kwalifika teknika ekwivalenti jew ogħla, il-perjodu jiqsar għal ħames (5) snin.

2.3. Il-*Higher Technician Diploma* għandha tiġi kkunsidrata bħala kwalifika f'Livell 4. Persuna li jkollha kwalifika xierqa f'Livell 3, segwita b'sentejn esperjenza xierqa u ppruvata, titqies bħala li tissodisfa l-klawsola *Higher Technician Diploma* jew kwalifika xierqa ekwivalenti li tinsab f'sub paragrafu 2.2.

2.4. Persuni magħżula li kienu diġà fis-servizz fil-5 ta' Diċembru 2002, jitħallsu, fuq bażi personali, skond l-iskali ta' salarju kif indikat f'sezzjoni 1 taċ-Ċirkolari MF Nru. 1/2003.

3. Din il-ħatra, li tkun bi prova għal sena hija *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u t-Taqsima tas-Servizzi Agrikoli u Żvilupp Rural b'mod partikolari. Il-persuni maħtura jistgħu jiġu trasferiti skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Technician (Laboratory) in the Agricultural Services and Rural Development Division

The Public Service Commission invites applications for the posts of Technician (Laboratory) in the Agricultural Services and Rural Development Division.

2.1. The salary for the post of Technician (Laboratory) is Lm3,978 per annum rising by annual increments of Lm128 up to a maximum of Lm4,746.

2.2. A Technician (Laboratory) will be appointed Senior Technician (Laboratory) in Scale 14 (Salary Lm4,234 x 136 - Lm5,050), subject to satisfactory performance, on completion of seven (7) years service in the grade, provided that in the case of persons in possession of a Higher Technician Diploma or equivalent or higher technical qualification, the period of service will be reduced to five (5) years.

2.3. The Higher Technician Diploma is to be considered as a Level 4 Qualification. A person in possession of a Level 3 appropriate qualification followed by two (2) years proven appropriate experience shall be deemed to satisfy the clause "Higher Technician Diploma or equivalent" found under sub-paragraph 2.2 above.

2.4. Selected applicants who were already in service on 5th December 2002 shall, on a personal basis, be paid in accordance with the salary scales indicated in Section 1 of MF Circular No 1/2003.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Agricultural Services and Rural Development Division in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Technician* (Laboratorju) jinkludu:

a) Responsabbiltà mill-manutenzjoni ġenerali tat-tagħmir fil-laboratorju u għaż-żamma tar-*records* relevanti skond prattiċi tajba tal-laboratorju;

b) Li tipprovdi l-materjal sabiex jitħaddem l-apparat tal-laboratorju u jżomm *record* ta' l-istokk;

ċ) Li tiġbor kampjuni skond il-ħtieġa;

d) Li tagħmel testijiet ta' rutina, xogħol ta' preparazzjoni u dmirijiet oħra skond l-istruzzjonijiet tas-superjur tagħha;

e) Li tkabbar, tħares u tikkultiva organiżmi ħajjin skond il-ħtieġa.

5. L-applikanti għandhom ikunu:-

(a) ċittadini Maltin;

(b) persuni li temmew b'suċċess kors ta' studju taħt it-*Technician Apprenticeship Scheme (TAS);*

JEW

Uffiċjali Pubbliċi fis-servizz li jkollhom ta' l-anqas *Ordinary Technician Diploma (OTD)* jew kwalifika rikonoxxuta ekwivalenti;

(ċ) ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati mas-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw is-S*ervice and Leave Record Form (GP 47);* dawk li japplikaw minn barra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa u jindikaw qatt kinux jaħdmu mal-Gvern jagħtu d-dettalji).

6. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'dokumenti u/jew ċertifikati (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; l-oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal dan il-post.

8. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-ħatra.

9. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

4. The duties of a Technician (Laboratory) include:-

a) Responsibility for the general maintenance of laboratory equipment and for the keeping of relevant records in line with good Laboratory Practices;

b) Providing material for operating laboratory equipment and keeping records of stock;

c) Collecting field samples;

d) Carrying out routine tests, preparatory work and any other related duties as may be instructed by his/her superior;

e) Rearing, culturing and monitoring living organisms as appropriate.

5. Applicants must be:-

(a) citizens of Malta;

(b) persons who have successfully completed a course of study under the Technician Apprenticeship Scheme (TAS);

OR

serving Public Officers in possession of at least the Ordinary Technician Diploma (OTD) or a recognised equivalent qualification;

(c) of good moral character (applicants already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must provide a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six months from the date of this call and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

7. Eligible applicants will be interviewed by a selection board to assess their suitability for the post.

8. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

9. Application forms can be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Dipartiment tas-Servizzi Korporativi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

